MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 310/2012

**Atlas Insurance PCC Limited (C5601) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Roswitha Marion Lehner, sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Roswitha Marion Lehner (ID. Nru. 12497A)**

**Vs**

1) **Bonavia Brothers Company Limited (C-16453)**
2) **Shawn Bonavia**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fit-18 ta' April, 2012** u li permezz taghha talbu lill-intimati jhallsuhom is-somma ta' tmien mija u tmenin euro u sebgha u hamsin ċenteżmu ta' euro [€880.57c] u dan wara li ppremettew hekk:

"Qieghda tintalab is-somma ta' tmien mija u tmenin Euro u sebgha u hamsin centezmu (€880.57) (Dok. A sa Dok. F), jew somma ohra verjuri, rapprezentanti

d-danni sofferti mir-rikorrenti konsegwenza tal-incident tal-4 ta' Mejju 2011, gewwa tas-Sliema (Dok. G) meta l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BBL-494 misjuqa minn u proprjetà ta' Roswitha Marion Lehner u assikurata ma' Atlas Insurance PCC Limited soffriet hsarat meta inqabdet go trinek mimlija bis-cement frisk konsegwenza ta' xogholijiet fit-triq li kienu qed jitwettqu mill-intimati, jew min minnhom, u dan stante illi l-istess inċident sehh unikament b'tort ta' l-intimati, jew min minnhom, minhabba negliġenza, traskuraġni u nuqqas ta' osservanza ta' l-obbligi legali taghhom, jew min minnhom, naqsu milli jpoġġu jew ittellghu sinjali li juru li kienu qed isiru x-xogholijiet fit-triq u ghaliex ix-xogholijiet kienu qed isiru minghajr il-permessi mill-awtoritajiet kompetenti. Dan l-ammont huwa dovut in kwantu ghas-somma ta' €55 lir-rikorrenti Roswitha Marion Lehner rappreżentanti *excess payment* minnha mhallsa in konnessjoni ma' dan l-incident, u in kwantu ghas-somma ta' €825.57 lir-rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited rappreżentanti d-danni kollha illi ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited abbażi ta' polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u skond il-ligi.

Din is-somma baqghet ma thallsitx minkejja li l-intimati gew interpellati jaghmlu dan u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Flimkien ma' din is-somma l-intimati, jew min minnhom, ghandhom jiġu kkundannati jhallsu l-ispejjez legali kollha, inklużi l-ispejjez ta' l-ittra uffiċjali datata 7 ta' Lulju 2011 (Dok. H) ippreżentata fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili kontra l-intimati u l-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha".

Ra li s-socjeta intimata ġiet debitament notifikata bit-talba u bl-avviz tas-smiegh fit-28 ta' April, 2012, iżda minkejja dan hija baqghet ma pprezentatx risposta skond il-ligi.

Ra li l-intimat Shawn Bonavia gie debitament notifikat bit-talba u bl-avviz tas-smiegh fis-7 ta' Settembru, 2013 izda minkejja dan huwa baqa ma ppreżenta l-ebda risposta skond il-ligi.

Ra s-sentenza preliminari tieghu datata 8 ta' Jannar, 2014;

Ra l-verbal datat 28 ta' April, 2014 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Ikkunsidra;

1. Ir-rikorrenti xehdet bil-lingwa Ingliza. Hija bdiet biex qalet li tghix fi Triq McIvor, Sliema. L-incident in kwistjoni sehh fi Triq Dragut li hija kantuniera ma Triq McIvor. Fl-4 ta' Mejju, 2011 hija kienet marret ghax-xoghol filghodu u wara nofsinhar irritornat lura id-dar. Qalet hekk kif kienet qeghda tipprova issib post biex tipparkja l-vettura taghha, hin minnhom kienet fuq it-triq u f'daqqa u l-hin sabet il-vettura taghha f'sodda tal-konkos. Ir-rikorrenti esebiet żewġ *cuttings* mill-gazzetta The Times li juru kif spiċċat il-vettura taghha f'din is-sodda tal-konkos. Qalet ukoll li meta kienet ghaddejja minn din it-triq "... *there was nothing to show that there was some form of danger in the street otherwise I would have seen it and would have stopped from continuing up that street*" (fol. 54).

2. Ir-rikorrenti stqarret ukoll li hija ghandha polza tat-tip *fully comprehensive* u hallset lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' €55 bhala *excess*. Dan l-ammont hija baqghet ma rcevitux minghand is-socjeta rikorrenti u ghalhekk hija qeghda titolbu minghand l-intimati. Is-socjeta rikorrenti però hallset l-ispejjez kollha sabiex titranġa l-vettura taghha. Minn verifiki li hija ghamlet mal-Kunsill Lokali irrizultala li l-intimati ma kellhomx l-permessi mehtiega sabiex jaghmlu dawn ix-xogholijiet. Wara li kienet inġibdet il-vettura taghha minn gol-konkos permezz ta' tow

truck, xi saghtejn jew tlieta wara gie truck b'zewg *plastic bollards* u poggiehom fit-triq sabiex ma jkunx hemm xi hadd iehor li jispiċċa f'dan il-konkos. Kienu l-pulizija li infurmawha minn kienu l-persuni responsabbli ghal dawn ix-xogholijiet, liema persuni huma mharrka f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. L-intimati baqghu qatt ma resqu xi tip ta' difiża ghal din it-talba minkejja li s-socjeta intimata ġiet debitament notifikata fit-28 ta' April, 2012 u l-intimat gie debitament notifikat fis-7 ta' Settembru, 2013.

4. Illi jirrizulta minghajr ebda dubbju li ghal dan l-incident jahtu l-intimati. Jirrizulta li ma kien hemm ebda indikazzjoni fit-triq li kienu saru x-xogholijiet mill-intimati u sabiex l-utenti tat-triq joqghodu attenti minhabba dawn ix-xogholijiet. Jirrizulta ukoll li l-intimati hadu l-prekawzzjonijiet wara li kien sehh l-incident. Ghalhekk, t-Tribunal qieghed jakkolla l-htija kollha ghal dan l-incident fuq l-intimati. Ghar-rigward tal-ammont reklamat mir-rikorrenti ta' €880.57c, it-Tribunal huwa sodisfatt li mill-provi prodotti dan l-ammont huwa dovut ghal hsarat li garbet ir-rikorrenti intortament.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-intimati jhallsu in solidum bejniethom is-somma ta' tmien mija u tmenin euro u sebgha u hamsin ċenteżmi ta' euro [€880.57], liema somma ghandha tinqasam in kwantu ghal tmien mija hamsa u ghoxrin euro u sebgha u hamsin ċenteżmi ta' euro [€825.57c] lis-socjeta rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited u in kwantu ghar-rimanenti hamsa u hamsin euro (€55) lir-rikorrenti Roswitha Marion Lehner bl-imghaxijiet legali fuq l-ammont ta' €880.57c jibdew jiddekorru mid-data ta' l-ittra uffiċjali datata 7 ta' Lulju, 2011 sal-effettiv pagament.

L-ispejjez huma kollha a karigu ta' l-intimati in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------